Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 131/2015

Il-Pulizja
Spettur Joseph Mercieca

Vs

Maria Xuereb

Victor Xuereb

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, Maria Xuereb, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru: 287460M u Victor Xuereb, detentur akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-hamsa (5) ta` Settembru, 2010, u/jew fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara tal-**Bank of Valletta plc** u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet

ohra, liema hsara teccedi l-ammont ta` elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. Bi hsara tal-**Bank of Valletta plc** u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra, ghamlu qliegh b'qerq li jeccedi l-ammont ta` elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Victor Xuereb, wahdu, akkuzat ukoll talli:

3. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza mill-Qorti ta` Magistrati (Malta), datata sitta (6) ta` Dicembru, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 (1), 17, 31, 533, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, illiberat lill-imputati mill-akkuzi lilhom addebitati, u dan skont il-principju ta` *in dubbio proprio*.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellati **ħatja** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom u konsegwentement tinfliġġi piena ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fid-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti

proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu kien hemm apprezzament żbaljat tal-provi li wassal sabiex l-appellati *qua* imputati ġew illiberati mill-akkużi dedotti kontrihom, u dan għar-raġunijiet li se jiġu ttrattati f'dan ir-rikors t'appell. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament tagħha, iżda li tagħmel eżami approfondit ta` l-atti proċesswali sabiex tara jekk f`dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għad-deċiżjoni li fil-fatt waslet għaliha;

Illi meta wieħed jixtarr l-atti proċesswali u jagħmel rikostruzzjoni kronoloġika ta' kif eżattament ġraw l-affarijiet, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-possibilitajiet numerużi ta' kif setgħu ġraw l-affarijiet hekk kif imsemmija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha hekk li abbażi tagħhom skont hi ma setax ikun hemm allokkazzjoni ta' responsabbilita' kriminali, jixxejnu u jisfumaw fix-xejn;

Illi l-pern kollu tal-każ odjern u li, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, sfuġġa lil tali Qorti hija li meta fl-1 ta' April tas-sena 2010 Gaetano Falzon fetaħ is-*safe deposit box* numru 79 blu sabiex Anthony Mangion ikun jista' jaraha qabel jikriha, hija kienet **vojta**. Il-landa/kaxxa taċ-ċikkolatini msadda li kellha biċċa *tape* sewda magħha, fejn Gaetano Falzon ukoll fetaħha fil-presenza ta' Anthony Mangion, kienet ukoll **vojta.** Din il-verżjoni ġiet ikkorraborata kemm minn Anthony Mangion u kif ukoll minn Gaetano Falzon. Għalhekk quddiem prova inekwivoka u kkorraborata kemm minn Anthony Mangion u kif ukoll minn Gaetano Falzon li kemm is-*safe deposit box* kif ukoll l-landa/kaxxa taċ-ċikkolatini msadda kienu vojta nhar l-1 t'April 2010 ixxejjen kompletament dak li xehdet Maria Xuereb meta qalet li din ma kinetx vojta iżda li kellha l-flus. Kif ukoll, tant kemm Gaetano Falzon u Anthony Mangion iċċekkjaw u flew din is-*safe deposit box* sew li huma saħansitra iddeskrivew mhux biss li l-landa\kaxxa taċ-ċikkolatini kienet vojta u msadda, talli qalu li magħha kien hemm biċċa *tape* ta' lewn iswed;

Illi kemm fl-istqarrija u kif ukoll fix-xhieda tagħha Maria Xuereb qalet li nhar it-30 t'April 2010 hija filgħodu marret il-bank sabiex tieħu l-envelope mis-*safe deposit box*

numru 79 blu. Wara nofsinhar hija reġgħet marret il-bank fejn qiegħdet l-imsemmi envelope bil-flus fis-*safe deposit box* numru 79 blu. Minkejja li kemm fl-istqarrija rilaxxata mill-konjuġi Xuereb huma jgħidu li nhar it-30 t'April 2010 Maria Xuereb ħadet l-envelope mis-*safe deposit box* għax riedu jsellfu l-ammont ta' 5,000 Sterlina lil persuna, fl-istqarrija tagħhom ma jaqblux fuq l-identita' ta' din il-persuna. Minkejja li Maria Xuereb tgħid li kienu se jsellfu l-flus lil Philip Camilleri, Victor Xuereb jgħid li riedu jsellfu l-flus lil ħuh Albert Xuereb u lil ħuh Joseph. Kien biss meta l-Ispettur kkonfrontah u qallu li meta kienu qed jitkellmu iktar kmieni kien semmielu lil ċertu Philip Caruana, huwa qal li lil Caruana ġieli kien isellfu xi flus u ma jafx jekk dik il-ħabta kienx sellfu xi flus. Hawnhekk naraw li l-konjuġi Xuereb lanqas fuq dettall żgħir ma jaqblu bejniethom, u dan meta skont Maria Xuereb huwa żewġha li jamministra l-flus li jinsabu fis-*safe deposit box* hekk li hi hija biss messaġġiera biex tmur tippikkja u terġa' tieħu lura l-flus l-bank! Kien biss fix-xhieda tagħhom quddiem l-Ewwel Onorabli Qorti li l-konjuġi Xuereb xehdu li kienu se jsellfu l-flus lil Philip Caruana;

Illi Maria Xuereb in kontro-eżami tgħid li qabel id-data tat-30 t'April 2010 kienet ilha ma tmur il-bank għal xi sitt ġimgħat. Minn kalkolu matematiku sempliċi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li allura l-aħħar darba li Maria Xuereb marret il-bank kien f'Marzu 2010 u għalhekk ferm qabel id-data tal-1 ta' April 2010 meta Anthony Mangion mar iqiegħed flusu fis-*safe deposit box*. Fl-istqarrija tagħha Maria Xuereb tgħid li l-flus tagħha li kienu fl-envelope li marret iġġib għall-ahhar t'April 2010, ċioe' fit-30 t'April 2010, kienu diġa' hemm fil-bidu t'April 2010. Bir-rispett kollu, dan ma jistax ikun. Hawnhekk wieħed irid iżomm f'moħħu kemm dak li xehdu Anthony Mangion u Gaetano Falzon li fl-1 t'April 2010 s-*safe deposit box* kienet vojta qoxqox, u kif ukoll dak li juru l-*istills* tac-*CCTV footage*.[1] L-*istill* immarkata bħala RG 1 turi li nhar it-30 t'April 2010 filgħodu *'Mrs. Xuereb entering Vaults – thin small bag in hand. (1st visit).'* L-*istill* immarkata bħala RG 2 turi li nhar it-30 t'April 2010 filgħodu *'Mrs. Xuereb is seen leaving the vault area. The paper bag looks thicker than when she entered the vaults. (1st visit)'*. Mela ġaladarba li ġie stabbilit li l-ewwel darba li Maria Xuereb marret il-bank wara Marzu 2010 kien proprju fit-30 t'April 2010, ġaladarba fl-1

[1] L-imsemmija *stills* huma esebiti a fol. 123 *et seq.* tal-atti proċesswali.

t'April 2010 is-*safe deposit box* kien vojt u Anthony Mangion qiegħed flusu ġo fih, u ġaladarba l-*istills* juru b'mod ċar li meta daħlet ġewwa l-*vault* nhar it-30 t'April 2010 l-basket li kellha f'idha Maria Xuereb kien irqiq iżda li mbagħad hi u ħierġa mill-*vault* il-basket kien ehxen minn kif kien meta daħlet fil-*vault*, b'mod ċar juri li l-envelope bil-flus li ħadet Maria Xuereb nhar it-30 t'April 2010 kien jappartjeni lil Anthony Mangion u għalhekk tali flus definittivament ma kinux tagħha;

Illi Maria Xuereb fl-istqarrija qalet illi hi kienet tagħmel użu ta' spiss mis-*safe deposit box*, u li fl-istess ġurnata li kienet toħroġ il-flus mis-*safe deposit box* kienet terġa' iddaħħalhom jew inkella tmur iddaħħalhom l-għada jew fil-jiem ta' wara. Kuntrarju ta' dan kollu, meta wieħed jara l-*log book* anness mal-kuntratt ta' kiri tas-*safe deposit box*,[2] wieħed mill-ewwel jinduna li kienet biss f'istanza waħda li Maria Xuereb ħadet il-flus f'ġurnata u rritornathom f'dik l-istess ġurnata, u dan ċioe' fil-21 ta' April 2003. Għar-rigward tad-dati l-oħrajn li hemm fuq il-log book wieħed jinduna li hemm istanzi fejn ġieli għaddew ġimgħat, xahar jew xhur minn darba għall-oħra, u mhux l-għada jew ftit jiem kif stqarret. Għalhekk l-akkadut ta' nhar it-30 t'April 2010 meta hija marret darbtejn il-bank f'medda qasira ta' siegħat, jibqa' wieħed iżolat. *Di piu'* hi stqarret li qabel ma ħa *over* Gaetano Falzon hija kienet tiffirma l-imsemmi *log book*. Hija mhux dejjem baqgħet tiffirma dan il-*log book* kull darba li tmur minn meta Gaetano Falzon ħa *over*. Dan tal-aħħar xehed kif hu kien ilu jaħdem ġol-fergħa tal-Bank of Valletta ta' San Ġwann għal sena u erba' xhur qabel ma ġara dan il-każ. Dan ifisser li allura kien ilu jaħdem hemm sa mill-bidu tas-sena 2009. Għalhekk wieħed jista' jara li Maria Xuereb ma kinetx tagħmel użu ta' spiss mis-*safe deposit box*, u dan kuntrarjament għal dak li xehdu l-konjuġi Xuereb, speċjalment meta wieħed jara li fis-sena 2006 ma hemm l-ebda notament fil-*log book*. Infatti Gaetano Falzon meta mistoqsi mid-difiża xehed kif Maria Xuereb ma kinetx tagħmel użu mis-*safe deposit box* kontinwament;

Illi l-konjuġi Xuereb ma jaqblux bejniethom meta jitkellmu rigward il-landa/kaxxa taċ-ċikkolatini msadda li kienet vojta. Fl-istqarrija u fix-xhieda tagħha Maria Xuereb tisħaq li ma tafx li kellha landa/kaxxa taċ-ċikkolatini msadda fis-*safe deposit box*. Dan

---

[2] *Vide* fol. 64 *et seq.* tal-atti proċesswali u fol. 137 tal-atti proċesswali.

meta hija xehdet li hi biss kienet tmur tagħmel użu mis-*safe deposit box*. Kuntrarju ta' dan, Victor Xuereb saħansitra jgħid li ġo din il-landa/kaxxa taċ-ċikkolatini msadda kien iżomm il-flus:

Pros: Il-punt krucjali kollu hu, fl-1 t'April ta' dik is-sena, fl-1 t'April 2010 meta hawnhekk smajt lis-Sur Mangion li kien kera, inghata bi zball il-kaxxa box 79 li kellek inti, u s-Sur Gejtu Falzon li kien inkarigat mill-volt ta' San Gwann. Dan kien xehdu hawnhekk li dak in-nhar nizlu u fethu l-kaxxa tieghek, il-kaxxa numru 79 li biz-zball inghatat lil haddiehor u dawn qed jghidu Gejtu Falzon, fil-prezenza tas-Sur Mangion, jghid li fethu s-safety deposit box tieghek, is-safety deposit box numru 79 blu, li kienet tappartjeni lilek, fethuha, **<u>hargu kaxxa minnha li din kienet vojta.</u>**

Xhud: Hekk qalu.

Pros: Tista' tghidilna x'kellek f'dik il-kaxxa fl-1 t'April tas-sena 2010, mhux x'qed tghid li kellek fit-30 t'April sussegwentement. Fl-1 t'April.

Xhud: **<u>Kelli l-istess flus.</u>** [3] (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi wieħed ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt ta' jekk wieħed kellu jikkonċedi u jemmen il-verżjoni mogħtija mill-konjuġi Xuereb li nhar it-30 t'April 2010 Maria Xuereb marret il-bank għax riedu jsellfu l-Isterlini lil Philip Caruana, allura 'l għaliex hija ħadet magħha id-dar kemm l-Ewros, id-Dollari Amerikani u l-Isterlini li qalet li kien hemm fl-envelope in kwistjoni, meta kulma kellhom bżonn l-Isterlini biss? Dan qiegħed jingħad fl-isfond tal-fatt li l-konjuġi Xuereb fl-istqarrija u fix-xhieda tagħhom qalu kif huma kienu applikaw biex ikollhom *safe deposit box* hekk li kienu serquhom u kif ukoll kienu għamlu *hold-up* fuq il-persuna ta' Maria Xuereb. Fid-dawl ta' dan il-fatt, wieħed jistaqsi jekk il-verżjoni mogħtija mill-konjuġi Xuereb għandhiex mis-sewwa meta filli Maria Xuereb qed tgħid li applikaw għal *safe deposit box* għal iktar serħan il-moħħ, u fl-istess nifs qed tgħid li rritornat lura d-dar b'ammonti daqshekk kbar ta' flus meta kulma kellhom bżonn kienu l-Isterlini? Ċertament li le. Dan ukoll qed jingħad fl-isfond li l-mod kif inhuma ddisinjati l-

[3] A fol. 343 u 344 tal-atti proċesswali.

Isterlini huma differenti mill-Ewros u mid-Dollari Amerikani, u għalhekk Maria Xuereb setgħet faċilment tieħu l-Isterlini biss;

Illi fit-3 ta' Mejju tal-2010 il-bank induna li waqt li s-*safe deposit box* numru 79 blu kienet qiegħda mikrija għand il-konjuġi Xuereb, hija ġiet mikrija wkoll lill-konjuġi Mangion. Illi minn dak li seħħ f'din il-ġurnata u mill-mod kif kemm il-konjuġi Mangion u kemm Xuereb ġabu ruħhom, inkluż id-deskrizzjonijiet li taw, wieħed mill-ewwel jinduna u jirriafferma li l-flus kienu tal-koppja Mangion. Anthony Mangion mill-ewwel informa lir-rappreżentanti tal-bank, fosthom Gilbert Zahra li huwa *Manager*, li d-Dollari Amerikani li kien sab fis-*safe deposit box* ma kinux tiegħu. Hawnhekk toħroġ il-ġenwinita' ta' Anthony Mangion hekk li kieku wieħed kellu jikkonċedi li huwa ħa l-€40,000 tal-koppja Xuereb, wieħed jistaqsi kif fl-istess ċirkostanzi ma ħax id-Dollari Amerikani wkoll stante li dawn, bħall-Ewros, ma kinux tiegħu? Pero' Anthony Mangion ma għamilx hekk - huwa ddistingwa bejn dak li jappartjeni lilu (l-€40,000) u dak li ma jappartjenix lilu (id-Dollari Amerikani), hekk kif xehed ukoll Gaetano Falzon;

Illi mezz iehor li juri li l-€40,000 li kien hemm fl-envelope kienu ta' Anthony Mangion, huwa l-mod kif dawn il-flus kienu mgeżwrin. Huma kienu mgeżwrin f'karta/strippi tal-fotografija qishom *bands* esebiti bħala Dok. AM 1 sa AM6 a fol. 78 tal-atti proċesswali. Anthony Mangion spjega kif minn ġewwa dawn l-istrippi għandhom *serial number* miktub fuq sfond isfar u fuq kull strippa huwa kiteb l-ammont ta' flus li kien hemm f'kull pakkett. B'kollox kien hemm sitt pakketti u għaraf il-kitba li kien hemm fuq kull pakkett bħala tiegħu. Mary Rose Mangion ukoll għarfet pożittivament l-imsemmija strippi tal-fotografija. L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' Anthony Camilleri, il-*Branch Manager* tal-fergħa tal-Bank of Valletta ta' San Ġwann, hekk li huwa għaraf u identifika pożittivament l-imsemmija strippi esebiti fl-atti proċesswali bħala dawk li kienu mgeżwrin mal-pakketti tal-flus ta' Anthony Mangion. Huwa xehed is-segwenti:

Pros: Hu nurik dokumenti AM 1 sa AM 6 a fol 78 tal-process. Ifakkruk f'xi haga dawn?

Xhud: Iva dawk kienu l-karti li gabli Mangion.

Pros: Le mhux li gablek. Li rajt, dak in-nhar x'rajt inti? Dak in-nhar qabel tajtu l-flus, a tempo vergine x'rajt?

Xhud: Karti.

Pros: Dawk huma l-karti?

Xhud: Iva hawn il-kitba wkoll.

Pros: Hemm il-kitba wkoll.

Xhud: Anke l-kitba. **Hawn ara qed naghrafha. Qisu l-bierah. Ghaddew sentejn, mela l-memorja tajba ghada**.[4] (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi Anthony Camilleri xehed ukoll is-segwenti:

Pros: Imma ahna l-kwistjoni hija li jekk rajthomx dawn dak in-nhar a tempo vergine qabel tajtu l-flus.

Xhud: **Kollox dak in-nhar jien. Kollox f'gurnata wahda.**

Pros: Dak il-hin jew rajthom wara meta gabhomlok gurnata, tnejn wara.

Xhud: **No, no. Kollox dak in-nhar.**

Pros: Dak il-hin.

Xhud: Dak il-hin.[5] (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi Gaetano Falzon wkoll pożittivament għaraf u identifika l-imsemmija strippi esebiti fl-atti proċesswali bħala dawk li kienu mgeżwrin mal-pakketti tal-flus ta' Anthony Mangion.[6] Għalhekk fl-isfond ta' dan kollu, kif jista' jkun li l-Ewwel Onorabbli Qorti quddiem provi inekwivoċi bħal dawn, qalet li hemm diversi possibilitajiet ta' x'seta' ġara u konsegwentement illiberat lill-appellati *qua* imputati?!;

Illi fit-3 ta' Mejju 2010 l-bank ma żammx l-imsemmija strippi għal investigazzjoni ulterjuri iżda halllihom fil-pussess ta' Anthony Mangion billi dak il-ħin ma kienx

[4] *Vide* a fol. 226 tal-atti proċesswali.
[5] *Vide* a fol. 228 tal-atti proċesswali.
[6] *Vide* a fol. 249 tal-atti proċesswali.

għadu jaf li s-*safe deposit box* numru 79 blu kienet diġa' mikrija lill-konjuġi Xuereb. Sussegwentement, ċirka sitt ijiem wara t-3 ta' Mejju 2010, il-bank x'ħin induna li l-konjuġi Xuereb bdew jgħidu wkoll li l-€40,000 kienu tagħhom huwa talab lil Anthony Mangion jagħti l-bank l-imsemmija strippi hekk li l-bank ġie fid-dubju fir-rigward ta' min kien il-proprjetarju ta' dawk il-flus. llli minkejja li l-appellati *qua* imputati ppruvaw iqajmu dubju dwar il-veraċita' *o meno* tal-imsemmija strippi u ppruvaw jargumentaw li kien biss ċirka sitt ijiem wara li seħħ l-akkadut li Anthony Mangion mar bl-imsemmija strippi l-bank, effettivament dan ma jbiddel xejn u ma jxejjinx l-kredibbilita' ta' Anthony Mangion. Dan għaliex xorta jibqa' l-fatt li r-rappreżentanti tal-bank għarfu u identifikaw pożittivament l-imsemmija strippi. Malli Anthony Mangion intalab dawn l-istrippi huwa mill-ewwel mar bihom il-bank;

Illi l-appellati *qua* imputati sostnew li l-€40,000 kienu tagħhom stante li meta Victor Xuereb ntalab mir-rappreżentanti tal-bank sabiex jiddeskrivi l-mod kif kienu mgeżwrin dawn il-flus, huwa qallhom eżatt kif kienu mgezwrin dawn il-flus liema deskrizzjoni kienet taqbel ma' kif verament kienu mgeżwrin il-flus ta' Anthony Mangion. Illi meta fl-istqarrija l-konjuġi Xuereb ġew murija l-imsemmija strippi tal-fotografija ta' Anthony Mangion huma qalu li qatt ma kienu rawhom u l-kitba li kien hemm fuq full pakkett ma kinetx tagħhom. Victor Xuereb qal li l-flus tiegħu kienu mgeżwrin ġo karti bħal karta li ġiet esebita a fol. 255 tal-atti proċesswali. Hawnhekk wieħed jistaqsi, kif jista' jkun l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal-liberatorja tal-appellati *qua* imputati meta rappreżentanti tal-bank stess identifikaw pożittivament l-istrippi tal-fotografija esebiti fl-atti proċesswali bħala dawk li kienu mgeżwrin mal-pakketti tal-flus ta' Anthony Mangion u bħala dawk li raw dakinhar *a tempo vergine* qabel ma taw l-flus lil Anthony Mangion, u meta allura karti bħal karta esebita a fol. 255 tal-atti proċesswali ma ġewx pożittivament identifikati bħala dawk li ġo fihom kienu mgeżwrin il-flus?! Infatti Gilbert Zahra xehed kif huwa ma kienx ra karti bħal karta li ġiet esebita a fol. 255 tal-atti proċesswali.[7] Apparti minn hekk, Anthony Mangion xehed kif hu qatt ma kien ra fis-*safe deposit box band* bħal dik li ġiet esebita minn Victor Xuereb u li l-kaligrafija fuq l-imsemmija *band* ma kinetx tiegħu peress li

[7] A fol. 280 tal-atti proċesswali.

s-simbolu tal-Ewro kien jagħmillha żewġ linji. Illi *di piu'* hawnhekk wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li tenut kont li fl-1 t'April 2010 s-*safe deposit box* kienet vojta u tenut kont li fit-30 t'April 2010 Maria Xuereb marret tieħu l-flus mill-bank, marret id-dar u sussegwentement reġgħet irritornathom, il-konjuġi Xuereb kellhom il-ħin kollu li tippermettilhom id-dinja sabiex jistudjaw sew fil-kwiet ta' darhom kif kienu mgeżwrin il-flus sabiex huma jkunu jistgħu jagħtu d-deskrizzjoni meħtiega fl-eventwalita' li jiġu mistoqsija – kif effettivament ġara! Għal xi raġuni li jafu l-konjugi Xuereb, żiedu d-Dollari Amerikani fl-envelope li kien jikkontjeni l-€40,000 fejn dawn tal-aħħar kienu mgeżwrin fl-istrippi tal-fotografija li kellhom fuqhom l-ammonti bil-kaligrafija ta' Anthony Mangion. Allura, kif wieħed jista' jemmen lil Victor Xuereb li huwa kien juża' strippi simili għal dik esebita a fol. 255 tal-atti processwali, meta bħala stat ta' fatt Anthony Mangion meta mar ma' martu u bintu l-bank l-imsemmija €40,000 kienu għadhom mgeżwrin fl-imsemmija strippi tal-fotografija?!;

Illi wieħed ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt kif il-konjuġi Mangion u Xuereb rreaġixxew meta ġew mistoqsija kemm kienet iċ-ċifra tal-flus (l-€40,000). Anthony Mangion mill-ewwel sostna li l-Ewros kienu tiegħu u li l-ammonti kienu skont kif kien hemm miktub fuq l-istrippi liema ammonti irriżultaw eżatti meta dawn ġew iċċekkjati bil-magna tal-verifika. Għall-kuntrarju ta' dan, meta r-rappreżentanti tal-bank ċemplu lil Maria Xuereb biex tmur il-bank hekk li kienu ndunaw li kienu krew s-*safe deposit box* lill-koppja Mangion u ġiet mistoqsija kemm kellha flus, hija m'għarfitx twieġeb. Hija qaltilhom li kienet ser tgħid lil żewġha jiġi magħha l-bank. Meta mar żewġha qal li kellhom iċ-ċifra ta' €40,000 li kienu mqassmin eżatti fl-ammonti li kienu miktuba fuq l-istrippi tal-fotografija bil-kaligrafija ta' Anthony Mangion. Hawnhekk wieħed jistaqsi kemm għandu mis-sewwa l-aġir tal-konjuġi Xuereb? Jekk verament l-imsemmija €40,000 kienu tal-koppja Xuereb, possibbli Maria Xuereb ma kinetx taf kemm kienet iċ-ċifra meta ġiet mistoqsija meta hawnhekk si tratta ta' flus li ggwadanjaw permezz ta' frott ħidmiethom? Possibbli hi kienet tmur iġġib ammonti kbar ta' flus mill-bank u ma kinetx tkun taf kemm hemm flus nonostante li ma ridux iħallu flus id-dar stante li kienu serquhom u nonostante li kienet qed iġġemma' l-flus għal binha, iżda fl-istess ħin kienet tagħmel mezz li

meta tmur għal flus tara li jwassalha xi ħadd bil-karozza nonostante li tgħix ftit passi 'l bogħod mill-bank?!;

Illi, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jikkondividi l-istess ħsieb ta' din l-imsemmija Qorti meta fis-sentenza qalet illi tista' teżisti l-possibilita' li Mangion għamel żjara ulterjuri fil-kantina fejn jinżammu dawn is-*safe deposit boxes* u fejn hemm il-privatezza meħtieġa, u huwa biddel ir-*wrappings* li kien għamel sid dawn il-flus b'*wrappings* li jistgħu faċilment jiġi ri-intraċċati lilu iżda li ħalla ammont zgħir ta' Dollari Amerikani sabiex huwa jkun jista' jqajjem l-allarm illi persuna oħra kellha aċċess għas-*safe deposit box* tiegħu u b'hekk ikollu skuża li jikkanċella dak il-kuntratt li kien għadu kemm għamel mal-Bank of Valletta għall-istess *safe deposit box*, u b'hekk komodament jimxi 'l barra mill-bank b'40,000 iktar. Illi jibda billi jingħad illi ma kien hemm l-ebda żjara oħra ulterjuri hekk li saħansitra fuq domanda tad-difiża ġie kkonfermat li l-konjuġi Mangion użaw is-*safe deposit box* darbtejn biss, u ċioe' fl-1 t'April 2010 u t-3 ta' Mejju 2010.[8] Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-possibilita' msemmija fis-sentenza hija biss suppożizzjoni u ma tirriżultax mill-atti proċesswali. Għalhekk dan l-argument ma jreġix;

Illi minkejja li l-konjuġi Xuereb kienu ilhom jikru l-istess *safe deposit box* għal numru ta' snin, kuntrarjament għall-konjuġi Mangion, dan waħdu m'għandux ikun il-fattur determinanti u deċiżiv sabiex jalloka jew jeżonera lil xi ħadd mir-responsabbilita' kriminali. Tali responsabbilita' kriminali għandha tiġi allokata abbażi tal-assjem kollu tal-provi u abbażi ta' kif ġara dan l-akkadut b'mod kronologiku. Hawnhekk tajjeb Ii wieħed jagħmel aċċenn għall-fatt li d-deċiżjoni tal-bank li taw lill-konjuġi Xuereb il-benefiċċju tad-dubju u li konsegwentement iddeċidew li jagħtuhom €40,000 kienet biss deċiżjoni kummerċjali hekk kif xehed Gino Xuereb, *Chief Officer Operations* ġewwa l-bank;

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hemm miktub wkoll li possibilita' oħra hi illi individwu mill-bank seraq €40,000 tal-konjuġi Xuereb u neħħa d-Dollari Amerikani mis-*safe deposit box*. Dina sussegwentement u forsi apposta ġiet

[8] *Vide* a fol. 237 tal-atti proċesswali.

assenjata lil Mangion li ddepożita fiha l-ammont ta' €40,000, u sussegwentement dan l-individwu reġa' rimpjazza d-Dollari Amerikani sabiex jagħti x'jifhem lil Mangion illi xi ħadd ieħor kellu aċċess għas-*safe desposit box* mikrija lilu. Illi minkejja li wieħed irid jaċċenna għall-fatt li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tal-bank għal mod kif giet assenjata s-*safe deposit box*, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tali possibilita' msemmija fis-sentenza ma treġix. L-argumentazzjoni tal-konjuġi Xuereb dejjem kienet li l-flus li ħadu l-konjuġi Mangion kienu tal-konjuġi Xuereb. Punt ieħor li jxejjen il-possibilita' mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hu li wieħed jistaqsi kif jista' jkun li xi impjegat tal-bank kien jaf li fl-1 t'April 2010 il-konjuġi Mangion kienu se jiddepożitaw is-somma ta' €40,000, l-istess ammont li l-Qorti qiegħda tassumi li seta' nsteraq minn xi impjegat tal-bank?;

Illi l-bank kien individwa lil Gaetano Falzon bħala l-persuna li m'ottemporax ruħu mar-regoli stabbiliti, fosthom li Maria Xuereb kellha tiffirma fuq il-*log book*, u li assenja l-istess *safe deposit box* kemm lill-konjuġi Xuereb u kif ukoll lill-konjuġi Mangion. Hu kien ġie *demoted* u ċioe' minn *Manager* kien spiċċa *Supervisor*. Mill-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija rriżulta li dak li għamel Gaetano Falzon ma kienx sar b'mod malinn jew għal xi gwadann personali. Illi hawnhekk tajjeb ta' min jirrimarka dwar il-kumment tal-Ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza qalet li ħadd ma jaf jekk kienx xi impjegat tal-bank li ghamel din il-*messa in scena*. Illi wieħed irid jagħmel referenza għax-xhieda ta' Victor Xuereb. Hu xehed kif hu kien telaq mill-bank irrabjat meta wara li l-bank induna li kienet inkriet l-istess *safe deposit box*, ir-rappreżentanti tal-bank qalulu li ma setgħux ikellmuh fuq l-Ewros u d-Dollari Amerikani stante li l-bank kien se jiftaħ inkjesta, u konsegwentement ma tawhx l-imsemmija flus. Huwa xehed ukoll li kien biss sena wara dan l-akkadut li ma baqax jaħdem bil-Bank of Valletta fejn f'din is-sena huwa baqa' jinqeda b'erba' (4) kontijiet f'dan l-istess bank. Maria Xuereb xehdet, ' … *mbaghad iffirmajt tal-kaxxa li rreleasjajta ghidtlu jien ma rridtx inehhi l-kaxxa, ghidtlu ahna m'ghamilna xejn l-izball minnkom sar jien kont qeghda l-hanut, ghidtlu l-kaxxa rridha, qalli le ma tistax tohodha l-kaxxa qalli ghax hemm investigazzjoni…'* [9] Hawnhekk wieħed jara li minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet dak il-kumment, tajjeb ta' min jinnota li l-konjuġi Xuereb wara dan l-

[9] A fol. 354 tal-atti proċesswali.

akkadut xorta kellhom fiduċja fl-operat ta' dan il-bank. Wieħed jista' jinnota wkoll il-kontradizzjoni ta' Maria Xuereb meta fil-waqt li riedet tkompli żżomm s-*safe deposit box* mal-istess bank, fl-istess nifs qalet li, '*U daqshekk, u gennewni minn dakinhar ghax daqshekk ilni mignuna mohhi'*, u li '*... x'ha naqbad nghid lir-ragel li serquna mill-Bank?'*[10]

Illi meta wieħed jagħmel rikostruzzjoni kronoloġika ta' kif verament ġraw l-affarijiet, wieħed mill-ewwel jinduna li l-possibilitajiet numerużi hekk kif imsemmija fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jisfumaw fix-xejn. Hekk kif dokumentat fl-atti proċesswali, jirriżulta li l-konjuġi Mangion u Gaetano Falzon ma kienu involuti fl-ebda *messa in scena*. Il-fatti, elenkati b'mod kronoloġiku, hekk kif riportati fl-atti proċesswali u kif ġie spjegat fir-rikors t'appell juru li hemm kontro-sens u kontradizzjoni fil-verżjoni mogħtija mill-konjuġi Xuereb, u juru li huma ffrodaw lill-bank is-somma ta' €40,000. Dan kollu juri li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi;

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat mid-decizjoni impunjata billi dehrlu illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji kellu iwassal lill-Ewwel Qorti tasal ghal sejbien ta' htija ghall-akkuzi kif dedotti kontra l-appellati. Premess dan huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Izda qabel ma tonoltra ruhha f'ezami mill-gdid ta'l-atti probatorji il-Qorti tqies illi qabel xejn ghandhom jigu ezaminati l-aspetti legali u guridici li isawwru l-akkuza li qed jiffaccjaw l-appellati u cioe' dik tal-frodi u r-reat minuri tal-frodi innominat. Issa sabiex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza

[10] A fol. 355 u 351 rispettivament tal-atti proċesswali.

u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".***

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….[11]"

Dwar l-element formali tar-reati ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-***

[11] 22 ta' Frar 1993, AppKrim Il-Pulizija vs Charles Zarb

***mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu ***"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[12]."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

---

[12] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004)

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali ghandu jirrizulta illi huwa necessarju illi jigi ippruvat l-element ta'l-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa ikun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma. Dan qed jinghad ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti jemergi car u tond illi dak li ra il-bidu kollu ta' din is-saga kif tajjeb iddeskrivietha l-Ewwel Qorti kien fil-fatt zball li sar minn impjegat tal-bank u cioe' tal-Bank of Valletta li kera *safety deposit box,* li kienet ilha mikrija lill-appellati ghal ghaxar snin, lil terzi u cioe' lill-konjugi Mangion. Issa l-Avukat Generali jikkontendi illi kien hemm provi cari u inekwivoci in atti illi meta Falzon kera il-kaxxa lill-konjugi Mangion, kemm hu kif ukoll l-istess Mangion kien ivverifikaw illi din kienet vojta. Ma kienx hemm flus fiha u cioe' l-ammont ta' €40000 li l-appellati jikkontendu li kellhom. Dan seta' ifisser biss illi l-appellati ivvintaw l-istorja tal-flus sabiex igieghlu lill-bank, il-vittma f'dan il-kaz, ighaddielhom din is-somma billi huma kienu jahtu ghall- izball li sar. Fil-fehma ta'l-Avukat Generali din hija l-prova tal-mezzi ta' raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal sabiex l-vittma ta' dana ir-reat, u cioe' il-bank, jigi ingannat mill-appellati.

Dan ghaliex, kif inghad, biex jissussiti ir-reat tal-frodi jehtieg necessarjament illi s-suggett attiv jadopera mezzi sabiex igieghel lil vittma tieghu jaghmel xi haga li solitament ma kienx jaghmel, jew bil-maqlub illi igieghel lill-vittma tieghu ma jaghmilx xi haga li solitament huwa jaghmel. L-vittma irid ikun gie ingannat b'xi haga illi jaghmel il-frodatur li igieghlu jemmen realta' li fil-verita' ma tezistiex. Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat l-atti probatorji sabiex tara jekk hemmx prova lil hinn minn kull dubbju ta'l-ingann adoperat mill-appellati. Issa kif diga inghad dan il-kaz kellu l-bidu tieghu minn zball adoperat mill-manager tal-bank Gaetano Falzon li assenja *safety deposit box* lill-konjugi Mangion li kienet tappartjeni lill-konjugi Xuereb. Kif u 'il ghala sehh dan ma jirrizultax mill-provi u allura jibqa' id-dubbju kif seta' kien hemm zewgt icwievet identici meta kif ighidu l-ufficjali tal-bank ikun hemm cavetta wahda biss li tigi assenjata lill-klijent u ohra li tinzamm mill-bank. Jidher illi fil-jum li l-kaxxa giet assenjata lil Mangion, kemm Falzon li kien dejjem jinzel mal-klijent meta dan jigi biex jiftah il-kaxxa tieghu, kif ukoll Mangion ighidu li din il-kaxxa kienet vojta ghajr ghal xi landa li ma kien hemm xejn fiha u li ghal xi raguni jew ohra Falzon iddecieda jehodha u juzaha hu biex izomm ir-*rubber bands* fiha. Ghalkemm

din il-kaxxa ighid li kienet fil-pussess tieghu, madanakollu stranament din qatt ma giet elevata mill-pulizija meta saret l-investigazzjoni.

Jidher illi f'dan il-jum, u cioe' meta gie iffirmat il-kuntratt tal-kiri tal-kaxxa mal-bank u cioe' fl-1 ta' April 2010, Mangion jallega illi pogga s-somma ta' €40000 fis-*safety deposit box* u wara dan huwa rega acceda ghal dina l-kaxxa fil-bidu ta' Mejju meta imbaghad induna illi f'dak l-*envelope* fejn hu jallega li kien halla l-flus sab ammont ta' ftit 'il fuq minn 4000 dollaru amerikan li ma kenux tieghu, meta imbaghad gieh is-suspett li kien hemm haddiehor li kellu access ghal kaxxa tieghu. Issa l-Avukat Generali jikkontendi illi gjaldarba fl-1 ta' April 2010 meta l-kaxxa bin-numru 79 blu giet assenjata lil Mangion din, skont dak li ighidu Falzon u Mangion, kienet vojta, huwa inverosimili dak li jallegaw Xuereb illi l-€40000 li kien hemm f'dik il-kaxxa kienu jappartjenu lilhom. Din l-affermazzjoni madanakollu hija kontradetta mill-appellati li jibqghu jinsistu illi f'dik id-data fil-kaxxa kien hemm is-somma ta' €40000, kif ukoll zewg ammonti ohra wahda ta' madwar 4000 f'dollari amerikani u ohra 5000 f'sterlina, liema ammont imbaghad ittiehed minnhom fil-jum tat-30 ta' April 2010 meta l-appellata accediet il-bank, fejn tghid li irtirat l-envelope bil-flus u imbaghad aktar tard regghet poggietu lura bil-5000 sterlina nieqsa. Fil-fatt fil-jum tat-30 ta' April minn filmat ta' CCTV *footage* elevat mill-bank li jinsab faccata tas-sejf fejn hemm dawn il-kaxxex ta' sigurta', l-appellata tidher tidhol fejn is-*safety deposit box* b'basket tal-karti f'idejha ghal habta tal-10:30 ta' fil-ghodu u tohrog ftit wara bil-basket li kien jidher issa mimli. Aktar tard wara nofs in-nhar l-appellata terga' taccedi il-bank u tidhol fiz-zona fejn hemm is-*security boxes* fejn hemmhekk issa jidher maghha Gaetano Falzon fejn hi tidher tkellmu u turieh *envelope* kannella. X'diskors intqal bejniethom f'din l-okkazzjoni ma johrogx mill-atti ghaliex stranament qatt ma titpogga din il-mistoqsija la lil Falzon u lanqas lil Xuereb meta hija tiddeponi. Illi stranament ukoll meta Mangion jigbed l-attenzjoni tal-bank illi xi hadd kellu access ghal kaxxa assenjata lilu, hu xortwahda jithalla jiehu l-€40000 minghajr qabel ma l-bank ghamel il-verifiki tieghu u accerta ruhu jekk dawk il-flus kenux tieghu jew tal-persuna l-ohra li kellha access ghal din il-kaxxa. Dan isir biss wara, fejn allura l-appellati jibdew jallegaw illi dawk l-€40000 kienu taghhom. Kif ukoll huwa inkoncepibbli l-fatt kif Falzon li jiftah s-*security box* bin-numru 79 ghall-

appellata Xuereb fit-30 ta' April, ma jindunax jumejn wara li qed jiftah l-istess kaxxa ghal Mangion! Bir-rispett kollu lejn il-prosekuzzjoni, provi cirkostanzjali kemmxejn fjakki li wahedhom ma jistghu qatt jilhqu il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali.

Illi ibda biex ma hemmx dubbju li kien l-agir negligenti u traskurat tal-bank li holoq sitwazzjoni fejn huwa kellu jirrimedja ghal dawn in-nuqqasijiet billi ma setax jaccerta ruhu lil min kienu jappartjenu dawk l-€40000 jekk hux lill-konjugi Xuereb jew Mangion. Minn jeddu l-bank allura wasal ghad-decizjoni li jirrifondi lill-appellati s-somma ta' €40000. Fuq kollox jekk il-bank hass li kien qed jigi ingannat seta' facilment ma hallasx dan l-ammont lill-appellati u irraporta l-kaz lill-pulizija haga li baqa' ma ghamilx billi jidher illi l-investigazzjoni tal-pulizija inbdiet sena wara li sehh dan l-avveniment u dan mhux minhabba xi kwerela maghmula mill-allegat vittma ta' dan il-kaz u cioe' mill-bank, izda kif ighid l-Ufficjal Prosekutur ghaliex huwa kien riceva struzzjonijiet minn ghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dan minghajr ma jaghti ir-raguni li setghet wasslet lill-pulizija tissusspetta li kien gie kommess xi reat.

Il-Qorti tistqarr illi hemm wisq dubbji li iduru madwar dan il-kaz, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, tant illi huwa difficli illi tinstab reita' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. X'kienu il-mezzi adoperati mill-appellati sabiex kif tallega il-Prosekuzzjoni gie allegatament kommess dan il-frodi ma giex stabbilit sal-grad tac-certezza morali. Kollox huwa ibbazat fuq il-kongetturi u is-supposizzjonijiet. Jekk dawn il-mezzi setghux wasslu lill-vittma sabiex jigi ingannat ukoll ma huwiex ippruvat u dan billi kienet id-decizjoni tal-Bank illi ighaddi s-somma ta' €40000 lill-appellati u dan wara investigazzjoni interna maghmula minnhom fejn sahansitra gew taht l-skrutinju tal-bank il-kontijiet bankarji kollha ta'l-appellati u it-transazzjonijiet minnhom maghmula. Kwindi wiehed ma jistax ragjonevolment ighid illi l-allegat vittma gie ingannat meta il-Bank kellu f'idejh il-mezzi kollha sabiex jaccerta ruhhu mill-veracita ta' dak li kien qed jigi allegat mill-appellati u xortawahda ittiehdet d-decizjoni liberalment minghajr ma gie imgieghel

jew ingannat li ighaddi dawn il-flus lill-appellati, tant illi dan ir-reat qatt ma gie irrapurtat mill-istess awtoritajiet bankarji lill-pulizija!

Kwindi billi kif inghad il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali sabiex tigi stabbilita l-htija fil-persuna akkuzata ma gietx milhuqa tant illi l-elementi mehtiega sabiex jissussti r-reat tal-frodi ma humiex ippruvati, il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta wasslet ghad-decizjoni taghha ghandha tigi mibdula.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur